**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 30 – 8 ta' April 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urgenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 30. Il-Laqgha bdiet fis-6.45 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda membru tal-pubbliku prezenti ghal-laqgha.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien hemm zewg settijiet ta' minuti, dawk ta' agenda 28 u dawk ta' agenda 29. Huwa ressaq il-minuti ta' agenda 28 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Pagna 171, punt 4.11.8, il-frazi "Kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera prezenti li tithallas din is-somma meta tigi pprezentata l-invoice" tinbidel u ssir Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera prezenti li tithallas din is-somma meta tigi pprezentata l-invoice".

1.3. Pagna 172, punt 5.6. il-frazi “Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa kuntent hafna bil-hidma tas-segretarju u li minn meta lahaq sindku sab sapport u direzzjoni tajba mis-segretarju. Huwa d-deskriva lis-segretarju bhala persuna onesta u ta’ integrita u li jaf xogholu sew u meta jikkunsidra problem li ghandhom sindki ohra mas-segretarji taghhom huwa sodisfatt bil-hidma tas-segretarju tieghu. Huwa ressaq mozzjoni sabiex is-segretarju jinghata performance bonus full.” tindibel u ssir “Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex is-segretarju jinghata performance bonus full.”

1.4. Pagna 169, punt 4.8. il-frazi “Is-Sindku Alfred Grixti pprezenta quddiem il-kunsill kwotazzjoni ghal xoghol ta’ fi triq il-Lunzjata” tinbidel u ssir “Is-Sindku Alfred Grixti pprezenta quddiem il-kunsill kwotazzjoni ghal xoghol ta’ bankini ghall-ilqugh tal-ilma fi triq il-Lunzjata.”

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta’ agenda 28 jigu approvati hekk kif emendati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-Minuti ta’ Agenda 28 gew approvati. (33)

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta’ agenda 29 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta’ agenda 29 jigu approvati hekk kif prezentati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-Minuti ta’ agenda 29 gew approvati. (34)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Saret korrezzjoni ohra ghall-minuti ta' agenda 28. Pagna 166, punt 1.1. minflok agenda 26 jitnizel agenda 27.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said talab iktar informazzjoni dwar l-attivita Haz-Zebbug Jistiednek li hemm referenza ghaliha fil-minuti. Is-Sindku spjega f' xiex kienet tikkonsisti l-attivita tas-sena ta' qabel.

2.3. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghal punt 7.2 tal-minuti u talab li jkun jaf meta ha titqassam kopja tal-ftehim dwar l-uzu tas-sala lill-Kunsilliera. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dan kien se jitqassam wara li jigi ffirmat.

2.4. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk kienitx ghada kompetenza tal-kunsill li japprova l-performance bonus tas-segretarju ezekuttiv peress li issa sar impjegat tac-civil. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li din ir-responsabilta xorta kienet ghada f' idejn il-kunsill.

2.5. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf xi sviluppi kien hemm fuq il-hsieb li jsiru medalji kommemorattivi ghaz-zjara tal-papa. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li kien ghad fadal ftit wisq zmien biex isiru u anke l-ispejjez involuti ma kienux ftit u ghalhekk iddecieda li dawn il-medalji ma jsirux.

2.6.1. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li ghall-attivita tal-bookfest il-membri tal-kunsill lokali taz-zghazagh ippartecipaw u hadu hafna gost u rnexxilehom ibieghu madwar €90 f' kotba tal-kunsill. Huwa spjega li l-progett kwazi wasal fl-ahhar u issa kienu qed jimlew l-applikazzjoni li jekk tigi accettata l-progett jigi ffinanzjat b' €7,500 minn naha tas-segretarjat u €2,500 minn naha tal-kunsill.

2.6.2. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar spjega li ghall-attivita tal-bookfest kienu saru xi kuntatti ghal tined izda l-prezzijiet kwotati kienu eccessivi tant li jammontaw ghal €1000 il-wahda u ghalhekk sar kuntatt mal-iscouts li pprovdew tlett tined minn taghhom bl-armar b' kollox. Il-Vici Sindku qal li fl-opinjoni tieghu l-kunsill kellu jikkunsidra li jaghti xi forma ta' hlas ghal dan is-servizz.

2.6.3. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li l-Kunsill missu evalwa l-ispejjez relatati mal-attivita qabel. Huwa qal li kien tal-idea li l-Kunsill ma jidholx ghal progetti minghajr idea tajba tan-nefqa involuta. Huwa qal prosit lil min gab l-iscouts ghal dan ix-xoghol.

2.6.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li ghandhom jigu kkumpensati bla dubju ghas-servizz li taw. Il-Kunsillier Agius kkummenta li ghat-tqassim tal-fuljett

l-iscouts jinghataw €200 filwaqt li huwa sab kumpanija privata li taghmel dan l-istess xoghol ghal €80. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li meta l-kunsill uza kumpanija privata ghal dan ix-xoghol l-ispiza kienet telghet ghal €163.

2.6.5. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li wiehed irid jikkonsidra kemm iffranka l-kunsill bix-xoghol tal-iscouts relatat mat-tined.

2.6.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-opinjoni tieghu is-somma ta' €500 kienet wahda ragjonevoli ghal dan ix-xoghol. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Gie approvat li jithallsu €500 liz-Zebbug Scouts Group ghall-armar u l-provista ta' 3 tined. (35)

2.6.7. Il-Vici Sindku talab li ssir ittra ta' ringrazzjament lill-kuntrattur Wilson Mifsud li offra t-trasport tal-materjal kollu. Kien hemm qbil dwar dan.

2.7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kien iffirmha u niehda l-iskema tal-Greenpak dwar skart riciklabli. Huwa rringrazzja lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Chris Said u s-CEO tal-Greenpak l-Ing Mario Schembri tal-partecipazzjoni taghhom fil-press conference. Is-Sindku kompla jghid li sfortunatament matul il-weekend kien hemm numru ta' abbuzi li gew imnaddfa mill-ewwel mill-kumpanija u xi evidenza mghoddija lill-pulizija sabiex jinvestigaw. Is-Sindku spjega wkoll li kien hemm xi lmenti fuq xi bins imma dawn gew spustjati sabiex l-ilmenti gew solvuti.

2.7.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill ha jkun qieghed jahdem biex idahhal green wardens pajzana fil-lokalita. Huwa kompla jghid li tul it-tmiem tal-gimgha kien hemm hafna vandalizmu. Huwa qal li ma jiehux gost jiehu dawn il-passi imma mhux sew li dik il-minoranza lit rid tippersisti u tikser il-ligi tibqa tirrenja.

2.7.3. Il-Kunsillier George Cortis talab li jsiru tabelli li javzaw lin-nies x' tip ta' skart jista jintrema fil-bring in sites u javzahom li min jnqabad jarmi skart iehor jigi mharrek. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dan kien ha jsir flimkien mal-Greenpak.

2.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara l-press conference kien hemm laqgha dwar is-sistema l-gdida tal-infurzar lokali. Huwa spjega li l-ewwel se tinbidel is-sistema tas-software li tippermetti li l-ewwel kontravenzjoni tkun bhala warning. Huwa qal ukoll li se jkun hemm enfazi fuq min ihammeg filwaqt li ha jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-wardens.

2.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien iltaqa mal-kuntrattur Raymonda Calleja dwar ix-xoghol hdejn il-lunzjata u kien spjegalu li l-istima ta' €3,000 kienet tinkludi r-rampa ta' barra sa' hdejn il-bankini. Is-Sindku spjega li sabiex isir ix-xoghol l-iehor fuq gewwa tal-isqaq l-ispiza kienet se titla hafna. Is-Sindku qal li huwa kien lest li jinfoq €3,000 sabiex tissolva l-problema b' mod temporanju specjlament meta tqis li din il-problema hemm ic-cans li tissolva b' mod definittiv bil-progett tal-mini tal-works division. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li din il-problema kollha hdejn il-lunzjata giet mahluqa mill-MEPA u huwa kien jissuggerixxi li l-Kunsill iharrek lill-MEPA f' isem ir-residenti. Kien hemm qbil li l-kuntrattur jibda x-xoghol skond l-istima.

2.10. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li ma kienx kuntent bil-mod kif kienu prezentati l-accounts, b' hafna kliem tqil. Huwa talab li fil-futur dawn jigu simplifikati kemm jista jkun kif kien talab fil-laqgha ta' qabel ma saret il-laqgha mal-accountant. Il-kunsillier Emanuel Agius qabel ma dak li kien ghadu kif qal il-Kunsillier Rosario Cortis.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressqet l-ebda korrispondeza ghall-attenzjoni tal-kunsill.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 30** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 03/2010 | 31/03/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Marzu 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 666 | 31/03/10 | 3,688.17 | Knis Marzu 2010 |
| Roccu Mifsud | 60 | 28/03/10 | 886.66 | Public Conveniences Marzu 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 25/03/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Marzu 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 25/03/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Marzu 2010 |
| Mark Scalpello | 36/10 | 06/03/10 | 1,328.00 | Accountancy Fees |
| Raymond Calleja | various | various | 4,105.70 | Patching works |
| | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Total Skeda A** | | | **21,088.54** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures Ltd | 20055-37 | 09/12/09 | 10,000.00 | Resurfacing Triq il-Kurkanta |
| Asfaltar ltd | n/a | | 16,894.45 | Last Installment on Triq Dun Karm Psaila |
| Terracore Ltd | R00678 | 16/09/09 | 821.28 | Tests Triq Dun Karm Psaila |
| Superior Ironmongery | various | various | 1,471.63 | Ironmongery Items |
| Guard & Warden | 1750, 1746, 1731 | 28/02/10 | 3,087.42 | Monitoring pjazza, speed cameras Feb, hire of warden |
| Zebbug Bocci Club | 7367 | 18/03/10 | 200.00 | Statwa qalb ta' Gesu |
| JGC Ltd | 084-09 | 26/02/10 | 1,852.35 | Rubber tiles Gnien A. Debono |
| Cortis Timber | 19796 | 29/03/10 | 136.00 | Injam |
| Tanti Ironmongery | 565677, 569131 | various | 338.01 | Ironmongery Items |
| Playcraft | 4350 | 12/03/10 | 247.80 | Lapel pins |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/02/10 | 972.00 | Road Paint |
| Omar Muscat | 1 | 09/03/10 | 200.00 | Xmas part animation for children |
| Alfa Co. Ltd | 60542, 60737 | various | 758.19 | Office Furniture |
| St. Philip's | 161 | 28/12/09 | 540.50 | Xmas party tat-tfal |
| La Barbone | 36, 45 | various | 180.00 | Catering laqghat tal-Anzjani |
| La Barbone | 45, 2168 | 29/12/09 | 984.74 | Reception Xmas Folk Festival parade |
| Central Joint Committee | CJC012 | 28/02/10 | 5,828.30 | Undercharge Invoice June July 2009 |
| Central Joint Committee | CJC265 | 28/02/10 | 4,930.46 | Tribunal Services Feb 2010 |
| Manwel Schembri | n/a | 25/03/10 | 15.00 | Speaker Laqgha anzjani |
| Louise Mizzi | 2502/10 | 25/02/10 | 15.00 | Speaker Laqgha anzjani |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **49,473.13** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **70,561.67** | |
| | | | | |

4.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab spjegazzjoni dwar il-pagamenti tas-Central Joint Committee, Guard & Warden, u Terracore. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega dawn il-pagamenti. Il-Kunsillier Rosario Cortis sostna li l-kunsilliera ghandhom jinghataw rendikont tad-dhul, sempliciment tal-LES, halli jkunu jafu kif sejjer il-Kunsill finanzjarjament b' din l-iskema u jekk kienx valla pena li tibqa tithaddem.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata hekk kif prezentata. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

L-iskeda tal-pagamenti gew approvati. (36)

## 5. SKEMA TAL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill f' xiex kienet tikkonsisti din l-iskema u pprezenta l-pjan ta' toroq li qeghdin jigu proposti li jsiru b' din l-iskema;

5.2. Il-Kunsilliera Rosario u George Cortis talbu li jkunu jafu x' jigri jekk il-WSC titlob li jinbidlu l-mains f' dawn it-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li skond il-kuntratt kwalunkwe xoghol mhux ippjanat irid isir u jithallas mill-wsc.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni sabiex il-Kunsill japplika ghal din l-iskema. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis li qal li din l-iskema kienet idea tajba hafna li l-Kunsill ghamel sew li japplika ghaliha. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata. (37)

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li kellu laqgha mal-kuntrattur Schembri Infrastructures dwar triq il-Buskett. Is-Sindku qal li kien se jimxi ma' dak li qallu l-Onor Chris Said u kien se jibda x-xoghol li kellu ppjanat li jibda fid-19 ta' April u kellu jkun lest sal-festa. Huwa qal ukoll li l-kunsill kien tkellem ma wenzu schembri tal-kamra tan-nar tal-kazin san filep u gie diskuss l-impatt ta' dan ix-xoghol fuq il-hidma taghhom.

## 6. ZEBBUGFEST (UPDATE)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-gimgha ta' wara kien se jkun qieghed jikkonkludi fuq zewg sponsorship agreements bl-ghajnuna ta' Antonella Vassal u kien hemm prospetti tajbin. Huwa spjega wkoll li kien

hemm kuntatti ghaddejin mal-MTA sabiex terga taghmel il-medevial market. Is-Sindku kkonferma l-partecipazzjoni tal-U2 tribute band, Scream Daisy bhala opening act u DJ Ruby. Is-Sindku kompla jghid li issa kien se jdur fuq il-kunsilliera biex jghinu ghar-reklamar tal-attivita fuq televizjoni u radjijiet.

## 7. ŻJARA TAL-QDUSIJA TIEGĦU PAPA BENEDITTU XVI (UPDATE)

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Arcipriet kien hemm qbil li jsir billboard tal-okkazjoni u palk minn fejn jintlaqa l-papa, kif ukoll bnadar u streamer. Saret diskussjoni u kien qbil li l-Kunsill ma jonfoqx iktar minn €1,200.

## 8. TGHARIF DWAR PROGETT GNIEN L-INFETTI

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li fil-gimghat ta' qabel kien dahal f' diskussjonijiet maz-Zebbug Rangers sabiex isir progett fi gnien l-infetti permezz ta' public private partnership. Huwa spjega li permezz tal-kunsillier Mario Borg, l-Onor Chris Said kien iltaqa mal-kumitat taz-Zebbug Rangers u kien se jghinhom sabiex jinghataw it-titolu tal-ground. Il-progett kien jikkonsisti li fejn il-ground tal-5 a-side u l-bandli jithaffer sitt sulari u ssir gibja, garaxxijiet, post ghal monti fil-maghluq u fuqhom jerga jsir ground tal-5 a-side u bandli. Is-Sindku spjega li kien progett ambizzjuz imma kien ottimist.

## 9. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA MPORTANTI

9.1. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li kien se jiltaqa mal-kap tal-iskola tal-primarja. Huwa qal ukoll li Ottubru 2011 se jahbat il-50 anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm u jipproponi li jsiru celebrazzjonijiet li possibilment jigu estizi fuq livell nazzjonali. Il-Kunsillier Said issuggerixxa li jsir sottokumitat u s-socjetajiet jigu mistiedna jippartecipaw u jitfassal program flimkien mal-kumitat tal-kultura.

9.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jigi ffurmat dan il-kumitat. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata. (38)

9.3. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni fuq l-isleeping police ta' Main street. Huta talab ukoll li tinzabar sigra tal-bajtar fil-kantuniera bejn triq Mikiel Ang Sapiano u triq 12 ta' Mejju u fl-istess post issir bankina.

9.4. Il-Kunsillier Duncan Bartolo gibed l-attenzjoni li kien hemm xi hanut li kien qieghed jarmi hafna kartun fil-bins ta' triq Adeodato Gatt.

## 10. AGGORNAMENT

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fit-9.10pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |